SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 10-13

Illum il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2013
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.00pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello u Victor Camilleri.

## SKUZATI

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lil Kunsill permezz ta' *e-mail* li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru (CM 09-12) li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Servizzi għall-Anzjani offruta minn Emcare*

B'referenza għall-minuta 3.2 tal-laqgħa preċedenti l-Kunsill iddiskuta s-servizzi għall-anzjani li qed toffri l-Emcare. Il-Kunsill innota li dawn is-servizzi li jsiru bi ħlas jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal nies anzjani li jgħixu waħidhom u għażlu li jibqgħu jgħixu fid-dar tagħhom. Il-Kunsill qabel li jkun ta' benefiċċju jekk l-anzjani jingħataw opportunita' biex isiru jafu aktar dwar dawn is-servizzi vasti li toffri din il-kumpanija.

# 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u l-25 ta' Jannar 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0028/13/O – Trasport Malta – Triq Inez Soler
- 0065/13/O – Estate Management Directorate – Sit bejn Triq iż-Żinja u Triq it-Tulipan

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1529/12/I – *Memo* 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali
- 1531/12/I – Ċirkulari AKL Cirk 88/2012 – *Group Health Insurance Policy* 2013
- 0001/I3/I – *Memo* 60/2012 – Allegati abbużi fil-lokalitajiet fuq id-dawl tat-toroq
- 0004/13/I – Ċirkulari AKL Cirk 1/2013 – Assikurazzjoni tal-Flus 2013
- 0013/13/I – Kummissarju għat-Tfal – Materjal għall-użu tat-tfal fil-Librerija Pubblika
- 0014/13/I – The Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*
- 0020/13/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja Jannar-April 2013
- 0074/13/I – Malta International Airport –CSR – *Call for Social Initiatives* 2013
- 0087/13/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Performance Bonus*
- 0040/13/I – *Memo* 63/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti speċjali f'Lokalitajiet Żgħar
- 0052/13/I – Trasport Malta – Triq Inez Soler *pending issues*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- Rapport Amministrattiv Sena 2012
- Pjan ta' Ħidma 2013
- Girl Guides

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1529/12/I is-Sindku rrefera għall-proġett ta' *underwater reservoir* u qal li l-Kunsill ingħata s-somma ta' €20,000 għal dan il-proġett. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jitkellem sew mal-Mepa kif ukoll mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-*relocation* ta' dan ir-*reservoir*.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1531/12/I il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-*Group Health Policy* għas-sena 2013.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0001/13/I is-Sindku rrefera għal *Memo* 60/2012 - Allegati abbużi fil-lokalitajiet fuq id-dawl tat-toroq u qal li sa fejn nafu l-Kunsill m'għandux minn dawn l-abbużi.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0004/13/I il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2013.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0013/13/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kummissarju tat-Tfal kienet bagħtet materjal interessanti għall-użu tat-tfal għal-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0014/13/I il-Kunsill innota li ma setgħax jantiċipa l-attivitajiet kulturali li ser isiru din is-sena minħabba li fi Ġnien is-Serenita' ser ikun għaddej il-proġett ta' rinovazzjoni.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0020/13/I is-Sindku nforma li l-Kunsill kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja li tkopri l-perjodu Jannar 2013 sa April 2013. Huwa qal li jekk jibbaża l-allokazzjoni fuq dawn l-ewwel erba' xhur tas-sena, il-Kunsill jidher li ser jingħata xi mitejn euro inqas mill-allokazzjoni tas-sena l-oħra. Huwa fakkar li l-ammont allokat għall-manutenzjoni tat-toroq li jikludi wkoll it-tindif tat-toroq, irid bilfors jintuża għal dan l-iskop. Huwa kompla jgħid li fil-każ tal-Kunsill dawn iridu jintefqu fuq ix-xogħol ta' *resurfacing* li qed isir taħt l-iskema tal-PPP.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0040/13/I is-Sindku fakkar fl-applikazzjoni tal-Kunsill biex issir tinda fuq il-5-*a-side footbal pitch* taħt li-Iskema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali f'lokalitajiet zgħar. Huwa nforma li din l-applikazzjoni ġiet ikkunsidrata iżda ma ntgħażlitx biex tingħata għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0052/13/I il-Kunsill iddiskuta *e-mail* ta' Trasport Malta dwar xi pendenzi li hemm fi Triq Ineż Soler. Is-Sindku qal li ser ikun qed ikellem lil periti dwar il-*built out* li qed jintalab jagħmel il-Kunsill. Huwa qal ukoll li diġa nħarġet *works order* biex issir *loading/unloading bay* ħdejn il-ħwienet u ser isiru wkoll il-*Belisha lights* u *floodlights* kif propost minn Trasport Malta.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0074/13/I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi taħt is-CSR - *Call for Social Initiatives* 2013 tal-Malta International Airport. Huwa qal li l-Kunsill kellu proġett ta' *resurfacing* tal-Jogging Track u dan il-proġett kien ippreżentat tajjeb ħafna permezz ta' *brief* bl-isem SLEEK. Is-Sindku lmenta li l-MIA ma tat l-ebda raġuni għala dan il-proġett ma ntagħżilx u lanqas infurmat ukoll min ħa l-fondi u b' liema proġett.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0087/13/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartment għall-Gvern Lokali kien approva l-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv kif rakkomandat mill-Kunsill.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Estenzjoni tal-Kuntratt ta' Resurfacing ta' Toroq taħt l-Iskema tal-PPP*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kuntrattur Rite Mix ser iressaq talba biex jiġi estiż il-kuntratt *tender no.* RR(PPP) 57/11/02 peress li kien hemm xi dewmien biex jitlestew it-tlett toroq involuti f'dan il-kuntratt. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din l-estenzjoni.

### 4.2 *Talba għal Parking Bays*

Is-Sindku qal li saret talba biex isiru *parking bays* fi Triq Katerina Vitale u Triq l-Istefanotis peress li fil-preżent qed isir *parking* li jostakola l-ħruġ mill-garaxxijiet li hemm f'din it-triq. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u l-perit tal-Kunsill għandu jiġi nkarigat ilesti l-pjanti ħalli ssir talba lil Trasport Malta għal permess. Il-Kunsill innota wkoll li reġgħat saret talba għal aktar *parking bays* għal persuni b'diżabilita' wara l-Knisja fi Triq Ineż Soler. Il-Kunsill reġa' ddiskuta din it-talba u kien tal-fehma li diġa hemm żewġ *parking bays* għad-*disabled* f'din it-triq. Il-Kunsill qabel ukoll li tiġi organizzata l-*parking area* ta' fejn il-Knisja li għandha tkun tinkludi fiha aktar *parking bays* għal persuni bi bżonnijiet speċjali u b'hekk tilqa' għal din id-domanda.

### 4.3 *BOV ATM f'Dawret it-Torri*

Is-Sindku rrefera għall-ATM ġdida li jridu jinstallaw il-BOV minflok dik eżistenti li qed tagħti ħafna problemi. Huwa qal li l-periti lestew il-pjanti neċessarji li jinkludu xi modifiki fil-*layout* kif inhu bħalissa. Huwa qal li l-aktar modifika sinjifikanti hi li titneħħa *telephone booth* li hemm bħalissa u ssir *bubble* ma' l-għassa tal-pulizija. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li għandha ssir talba lil Kummissarju tal-Pulizija għal permess biex issir *bubble phone booth* ma' l-għassa u ssir talba lil GO p.l.c. biex titneħħa l-*phone booth* preżenti.

### 4.4 *Ilment dwar bring-In-site fi Triq il-Prinjoli*

Il-Kunsill iddiskuta lment li sar minn residenta fi Triq il-Prinjoli dwar il-ħmieġ li jinġabar madwar il-*bring-in-site* li hemm fuq in-naħa tal-Wied quddiem ir-residenza tagħha. Fl-ilment tagħha din ir-residenta resqet diversi punti għaliex għandha titneħħa l-*bring-in-site* u jitwaqqaf li jitqiegħed l-iskart domestiku ħdejn din is-sit. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qabel li din il-*bring-in-site* qed tagħti servizz lir-residenti ta' dik l-*area* kif qed jagħmlu is-seba' *bring-in-sites* l-oħra madwar il-lokalita'. Fil-każ tat-tbattil tal-*bins,* speċjalment dik li fiha jintrema l-ħġieġ, il-Kunsill qabel li din tagħmel ħafna storbju u għaldaqstant kellha tinġibed l-attenzjoni ta' Green Mt biex dawn il-*bins* ma jitbagħttlux wara t-tmienja ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel ukoll li dan is-sit għandu jitnaddaf b'mod regolari u jiġi *monitored* aħjar anki bis-servizz ta' *green wardens* peress li qed jiġu nies minbarra l-lokalita' biex jarmu f'dan is-sit huma u għaddejjin bil-vettura tagħhom.

### 4.5 *Proġett ECO-Skola*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien qed jipparteċipa fi proġett ECO-skola ma' l-istudenti ta' St Thomas More College Girls Secondary. Huwa qal li diġa qed isir separazzjoni ta' l-iskart fil-klassijiet permezz ta' boroż griżi provduti mill-Kunsill u ser isir monitoraġġ ta' l-iskart li qed jiġi miġbur. Din l-inizjattiva ser tinvolvi wkoll lill-istudenti fit-tħawwil ta' siġar u fjuri madwar il-lokalita'.

### 4.6 *Kuntratt ta' Major Patching u Road Resurfacing*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet ser issir sejħa għall-kuntratt ta' *Major Patching* u *Road Resurfacing* peress li dan wasal biex jagħlaq. Huwa qal ukoll li mill-informazzjoni li għandu jidher li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet għadu għaddej b'xogħol bi ftehim mal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill jipprovdi l-materjal u d-Dipartiment imsemmi jipprovdi l-*labour works*. Huwa qal li ser iġib aktar informazzjoni dwar dan is-servizz.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4345 sa numru BOV4396 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn is-17 ta' Diċembru 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 (CM09).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 09-12 (18/12/2012).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2012 | Ammont *Gross* | €7925.28 |
| Salarji għax-xahar ta' Jannar 2013 | Ammont Gross | €8159.84 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Euro** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01) | Servizz-Diċ.12 | 2854.74 |
| Saviour Mifsud | PCA (57/11/06) | Servizz Diċ.12 | 437.87 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Servizz Diċ.12 | 2061.50 |
| Frank Borda Ltd. | Q(57/12/07) | 83518-9 | 2789.52 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Servizz Diċ.12 | 1025.20 |
| Ricky Caruana | M-PF (57/12/02) | 230113 | 194.75 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | *Council Mobile Pabx*-Diċ.12 | 62.12 |

**5.4** Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *computer* ġdid għall-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv għall-ispiża totali ta' €640.

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA` 2013

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita` għas-sena 2013 issir nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar 2013 fil-Librerija Pubblika fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel ukoll li barra l-avviżi tal-gazzetti għandu jintbagħt ukoll avviż f'kull residenza bid-dettalji ta' din il-laqgħa.

## 7. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Rapport Amministrattiv għas-sena 2012. Dan ir-rapport, li kopja tiegħu ntbagħtet lil Kunsillieri flimkien ma' kopja tal-minuti 09-12 (18-12-12), ġie approvat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li r-rapport ser jiġi ppreżentat lil pubbliku permezz ta' *power point presentation* waqt il-laqgħa tal-lokalita'.

## 8. PJAN TA' ĦIDMA

Is-Sindku qara l-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2013 u nforma dwar kif kienet imqassma l-allokazzjoni finanzjarja skond il-funzjonijiet. Huwa daħal fid-dettal dwar diversi punti li ssemmew f'dan ir-rapport. Is-Sindku rrefera b'mod partikulari għal proġett ta' PV Farm f'Wied Garnaw u qal li dan huwa *in-line* mal-politika tal-ġurnata. Huwa qal li dan il-proġett jista' jkollu wkoll il-parteċipazzjoni tar-residenti li jixtiequ jinvestu f'enerġija alternattiva. Huwa qal li bħalissa l-Kunsill qed jipprova jissorsja fondi mill-Unjoni Ewropea ħalli jsir studju dwar dan il-proġett. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-parteċipazzjoni tal-proġett REACTION li jittratta dwar riżorsi b'attenzjoni partikulari għall-ilma. Huwa qal li l-ewwel avveniment ser isir f'Novigrad fi Frar li ġej. Huwa qal li hu ma jistgħax jattendi minħabba l-impenji politiċi marbuta ma' l-elezzjoni ta' Marzu li ġej. Huwa offra li jekk xi ħadd mill-Kunsillieri jixtieq ikun is-sostitut tiegħu waqt dan l-avveniment għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

Is-Sindku qal li fil-pjanijiet tiegħu l-Kunsill qed jikkunsidra l-pubblikazzjoni ta' ktieb tekniku dwar Santa Luċija miktub mill-ex-Kunsillier Malcolm Borg. Huwa qal li ser ikun hemm taħdidiet ma' Agius and Agius Ltd. dwar *sponsorship* għall-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb.

Fir-rigward ta' attivitajiet għar-residenti s-Sindku ħeġġeġ lil Kunsillieri biex jorganizzaw aktar attivitajiet għar-residenti. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ser ikompli jagħti s-sapport tiegħu lil Kappillan fil-ħidma tiegħu tat-tqassim ta' l-ikel mill-Unjoni Ewropea għal nies fil-bżonn u ta' dan xtaq jirringrazzjah.

## 9. BUDGET

Is-Sindku qal li bħalissa qed jitħejja l-*budget* għas-sena 2013. Huwa qal li waqt il-laqgħa tal-lokalita' l-Kunsill ser jieħu l-*feedback* tar-residenti biex ikun jista' jressaq il-*budget* fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Is-Sindku staqsa lil Kunsillieri jekk hemmx xi suġġerimenti li xtaqu jagħmlu biex ikunu jistgħu jittieħdu nkonsiderazzjoni dejjem skond ma' jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku semma il-materjal tas-7-*a-side football pitch* li għandu l-Klabb tal-Football u qal li dan jinsab mitluq u ma jafux fejn ser jagħmluh. Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu saret xi applikazzjoni għal Mepa għal dan il-proġett. Il-Viċi Sindku ppropona li dan il-*pitch* jista' jsir fl-*open space* li hemm bejn Triq il-Ġilju u Triq il-Fresja u qal li bħalissa din l-*area* qed tintuża biss biex iħammġu l-klieb fiha. Is-Sindku qal li din hija *area* residenzjali u jekk tagħmlu eżatt quddiem id-djar u appartamenti tar-residenti jkollok il-problemi. Huwa qal li kif ikun finanzjarjament possibbli din l-*area* tiġi *landscaped* u bħala sit alternattiv għall-proġett tas-7-*a side* huwa ppropona l-Picnic Area.

Huwa qal li inizjalment il-proġett ta' dan is-*7-a-side football pitch* kien f'idejn il-Kunsill u l-Kunsill kien diġa lesta l-pjanti u ssottometta applikazzjoni lil Mepa. Is-Sindku kompla jgħid li wara l-Klabb tal-Football qal li dan huwa proġett tal-klabb u l-Kunsill waqqaf kollox. Huwa ssuġġerixxa li l-aħjar li l-Kunsill jitkellem ma' l-MFA u jara eżatt kif inhuma l-affarijiet.

## 10. KUNTRATT TAL-ĠBIR TA' SKART GOFF

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Is-Sindku qal li għal dan il-kuntratt intefgħu sitt offerti u qara l-ismijiet tal-kuntratturi u l-offerti li ntefgħu kif illistjati hawn taħt:

| **Kuntrattur** | **Ammont** | **Rimarki** |
|---|---|---|
| Jimmy Muscat | €2.00 kull *call* | |
| Dimbros Ltd. | €2.00 kull *call* | |
| Salvu Mifsud | €2.75 kull *call* | |
| Anġlu Zammit | €2.50 kull *call* (VAT inkluż) | 3 *items* kull *call* |
| Ronald Bezzina | €1.95 kull *call* | Ġbir kuljum |
| Lino Micallef | €2.20 kull *call* | 4 *items* kull *call* |

Il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-orħos offerta.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Frar 2013 fl-4.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>il-Ġimgħa, 15 ta' Frar 2013</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**